MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' April, 2003

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja peress illi ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:

1. Illi r-rikorrent dahal jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici xi ghoxrin sena ilu u ghal dawn l-ahhar disa' snin zamm il-kariga ta' Security Guard.

2. Illi fis-sena 1991 hargu l-applikazzjonijiet ghal Chief Security Guard u r-rikorrent applika, izda ma giex maghzul minkejja li kien ilu security guard ghal xi erba' snin.

3. Illi minflok din il-promozzjoni nghatat lil certu Salvu Micallef li kien security guard ukoll, izda kien ghadu fuq probation.

4. Illi sussegwentement, dan Micallef halla l-post ta' security guard u dan il-post ghadu vakanti sal-lum il-gurnata.

Illi huwa kien bi hsiebu sabiex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u dan billi jigi ordnat li jinghata l-promozzjoni in kwistjoni, bl-arretrati lura sas-sena 1991 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie impjegat bhala Summer Worker mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-18 ta' Gunju 1975. Hu lahaq il-grad ta' Auxiliary Worker fl-10 ta' Marzu 1976. Fid-9 ta' Jannar 1981 hu sar Motor Transport Driver u gie promoss bhala Security Guard b'effett mill-4 ta' Mejju 1987.

Illi r-rikorrent applika ghall-Chief Security Guard fuq Sejha Numru 80/90 datata 11 ta' Lulju 1990. Il-marki prestabbiliti mill-Bord kienu moghtija kif segwenti:

| | |
|---|---|
| Edukazzjoni | 20 |
| Esperjenza f'xogholijiet simili | 20 |
| Responsabbilta` | 20 |
| Personalita u tmexxija | 20 |

| | |
|---|---|
| Kondotta | 20 |
| Total | 100 |

Wiehed ried  igib marka ta' 60 jew aktar biex ikun successiv.

Illi r-rikorrent gab marka ta' 55 u abbazi ta' hekk ma ssodisfax ir-rekwiziti prestabbiliti mill-Bord.

Illi s-Sur Saviour Micallef applika ghaz-zewg pozizzjonijiet, u akkwista dawn il-marki segwenti:

Security Guard 86 Chief Security Guard 77

B'dawn il-marki s-Sur Micallef irrenda ruhu r-4 fil-kategorija ta' Security Guard u t-2 fil-kategorija ta' Chief Security Guard.

Abbazi hu gie promoss ghal Security Guard b'effett mis-7 ta' Jannar 1991 u susegwentement minhabba l-fatt li s-Sur Charles Spiteri li kien l-uniku applikant li nhatar bhala Chief Security Guard irrizenja mill-kariga biex inhatar Ufficjal Tekniku I, is-Sur Micallef kien gie appuntat minn floku skond l-ordni tal-mertu.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi <u>r-rikorrent</u> ipprezenta affidavit u fih semma li dahal jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici xi ghoxrin sena qabel bhala Motor Transport Driver.  Ghall-habta ta’ l-4 ta’ Mejju 1987 sar Security Guard ma’ l-istess Dipartiment.  Meta xehed kien ghadu jahdem hemm bhala

Security Guard. Biex dahal bhala Security Guard kien applika u attenda ghal interview. Xoghlu kien jikkonsisti f' li jiccekkja l-vetturi li johorgu mid-Dipartiment, jiccekkja wkoll il-pass tal-vetturi u tan-nies jew haddiema. Kien ukoll jaghmel ronda fuq il-post matul il-lejl. Dak iz-zmien kien jahdem day, night, rest, off. Hafna mix-xoghol tieghu kien l-EMWD u d-Ditch ta' B'Kara.

Fil-11 ta' Lulju 1990 hargu l-applikazzjonijiet ghal post ta' Chief Security Guard mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Sa dak iz-zmien diga kellu tlett snin esperjenza bhala Security Guard. Kien hemm diversi applikanti pero` tnejn biss kienu li jaf li kienu Security Guards mieghu u cioe` Emanuel Saliba u Raymond Lauro. Meta applika r-rikorrent kien jahdem bhala Security Guard il-Passport Office. Hu ma nghatax din il-promozzjoni. Il-promozzjoni l-ewwel inghatat lil Charles Spiteri li m'accettax dan il-post. Eventwalment il-post inghata lil Saviour Micallef li qatt ma hadem ta' Security Guard. Micallef kien gie boarded out izda meta nbidel il-Gvern rega' dahal jahdem mad-Dipartiment bhala watchman fuq probation.

Micallef fl-istess zmien kien ukoll applika ghal Chief Security Guard u fit-3 ta' Ottubru 1991 gie nfurmat li nghata din il-kariga b' effett mis-16 ta' Settembru 1991. Zied jghid li dan Micallef ma kellux esperjenza jew kwalifiki. L-istess haga r-rikorrent qalha fuq Charles Spiteri li nghata l-grad ta' "Chief Security Guard". Sostna li hu kellu aktar esperjenza minnhom it-tnejn. Xi sentejn jew tlieta wara li ha l-promozzjoni Micallef gie trasferit mal-Ministru tal-Edukazzjoni u qal li sakemm xehed il-post ta' Chief Security Guard fid-Dipartiment tax-Xogholijiet kien ghadu vojt. Qal li tilef bejn wiehed u iehor madwar Lm50 fix-xahar minhabba li ma hax il-promozzjoni.

Mill-applikanti ghal Chief Security Guard hu kien jaf biss lil Saviour Micallef u lil Emanuel Saliba. Hu ma qabilx li gie fid-disa' post fl-interview u ma jafx kemm kien gab marki. Qal li r-rizultat rah wara li ghamel ilment fit-Tribunal. Qabel ma kienx jaf ir-rizultat u ma kienx jaf kemm gab marki. Hu qatt ma talab biex ikun jaf kemm gab marki u biex jinghata spjegazzjoni. Anqas qatt ma ghamel ilment

quddiem il-principal tieghu. Waqt l-interview qal li staqsewh ismu u kunjomu, qabbduh jaqra bicca mit-Times u staqsewh jekk is-security guards jobdux minnu. Ma kienx jaf min kienu l-membri tal-bord. Il-vakanza kienet wahda.

Xehed Emanuel Cortis rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici li qal li Saviour Micallef gie boarded out fl-20 ta' Gunju 1983 u gie re-instated fis-17 ta' Settembru 1987 bhala Labourer. Fis-27 ta' Marzu 1989 lahaq Heavy Plant Driver. Fis-7 ta' Jannar 1991 lahaq Security Guard u fis-16 ta' Settembru 1991 lahaq Chief Security Guard. Charlie Spiteri kien gie appuntat Ufficjal Tekniku grad 1 waqt li kien ghadu Chief Security Guard.

Kompla jghid li meta individwu japplika ghal xi promozzjoni gieli jissottolinja l-kwalifiki li jkollu, u gieli le. Dwar Spiteri u Micallef qal li dawn ma kienu semmew xejn fis-cv meta applikaw. Meta jsir appointment dan normalment isir bi prova ta' sena. Meta tiskadi din is-sena min-naha tal-Human Resources jiktbu lid-Direttur tieghu biex dan jghidilhom ghamilx xoghol sew u fil-kaz l-appointment jigi konfermat. Dwar Saviour Micallef qal li dan inghata zewg promozzjonijiet f'sena u mbaghad gie boarded out fuq raguni medika. Meta gie re-instated rah bord mediku u sabu tajjeb ghax-xoghol. Qal li Saviour Micallef kien Chief Security Guard minn Settembru 1991 sa l-1994 u mill-1994 mar jahdem l-Education Department. Ikkonferma wkoll ir-risposta tad-Dipartiment.

Xehed Saviour Micallef li qal li meta gie boarded out mad-Dipartiment tax-Xogholijiet kien labourer. Hu kien gie boarded out minhabba breakdown. Hu ghamel erbgha snin boarded out u f' dak iz-zmien ma hadem imkien iehor. Wara li ghaddew l-erbgha snin kien rega' gie ezaminat mill-bord li kien sabu tajjeb ghax-xoghol, u hu kien rega' dahal fl-istess grad ta' labourer. Eventwalment ha l-promotion ta' Heavy Plant Driver, imbaghad sar Security Guard u anke Chief Security Guard, dejjem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Eventwalment kien talab li jigi trasferit mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u baqa'

hemmhekk sa Marzu 2000. Meta xehed kien qieghed mad-Dipartiment tas-Sahha.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien ilu zmien jahdem ta' Security Guard izda meta hargu l-applikazzjonijiet ghall-promozzjonijiet ghal Chief Security Guard fl-1991 hu ma nghatax dan il-grad u minnflok lahqu nies ohra. Hu interessanti li r-rikorrent inghata 55 marka meta l-passmark kienet ta' 60 punt izda t-Tribunal ihossu ferm perpless kif gara hekk lir-rikorrent. Jinghad li Charles Spiteri gab 92 marka u fil-fatt dan irrizenja mill-kariga ghax inhatar Ufficjal Tekniku 1 u lahaq minnfloku certu Saviour Micallef li gab 77 marka. Jinghad li dan Micallef kien telaq mix-xoghol precedenti tieghu ghax kien boarded out, qatt ma kien hadem precedentement ta' Security Guard, rega' dahal jahdem mal-Gvern bhala Watchman, kien ghadu fuq probation u lahaq hu bhala Chief Security Guard. B' hekk dan Micallef li rega' dahal ghax-xoghol fl-1987 ha promotion fit-28 ta' Jannar 1991 u promotion ohra u cioe` ghal Chief Security Guard fis-16 ta' Settembru 1991 u cioe` ha zewg promotions f' sena. Jinghad ukoll li Micallef inghata 14-il marka ghal experience "in compatible jobs" meta dan ma kellu ebda esperjenza jew kwalifiki waqt li r-rikorrent li kien jahdem ta' Security Guard inghata 10 marki biss ghalkemm kellu aktar esperjenza minn Micallef.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li r-rikorrent kien haqqu kumpens tal-flus li tilef kawza ta' dan l-agir. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn u hames mitt lira [LM2500].

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------